MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2014

Numru. 36/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**James Callus**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat James Callus, ta' 32 sena, bin Joseph u Theresa nee` Grech, imwieled Pieta` nhar is-26 ta' Dicembru 1976, residenti De Rosi Court Flat 4, Triq il-Qalb Imqaddsa, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 42377M:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl bejn il-25 u s-26 ta' Lulju 2009, kif ukoll dawn l-ahhar jiem, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolament tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordninanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda tal-imputat, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fl-ewwel seduta mizmuma fis-26 ta' Jannar 2011, l-imputat irregistra ammissjoni dwar it-tieni imputazzjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difiza, fil-waqt illi rat illi l-prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u in vista tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati ta' din l-imputazzjoni, b'dan illi qed tinsab htija biss fir-rigward tal-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Lulju 2009, ghaliex m'hemm l-ebda prova fl-atti fir-rigward tal-ahhar jiem ta' qabel il-lejl in kwistjoni.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, l-imputat jinsab akkuzat ukoll bi traffikar tad-droga kokaina. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-prosekuzzjoni ddikjarat kemm permezz tax-xhieda tal-Ispettur Jesmond J.

Borg ossia l-Ufficjal Investigatur f'dan il-kaz, kif ukoll waqt is-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013, illi dan kien kaz ta' *trafficking by sharing*. Da parti taghha, id-difiza m'hix taqbel ma' din id-dikjarazzjoni u ssottomettiet illi dan kien kaz ta' pussess semplici ta' droga kokaina u li ma jirrizultax kaz ta' traffikar *by sharing.* Il-Qorti sejra ghalhekk tezamina l-provi mressqa fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2011, xehed **l-Ispettur Jesmond J. Borg**[1] li qal illi fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Lulju 2009, waqt li l-pulizija tal-Iskwadra Kontra d-Droga, kienu qeghdin jassistu ghall-*party* gewwa l-MFCC f'Ta' Qali, l-imputat gie arrestat flimkien ma' certu Richard Ghirxi, wara li hekk kif dawn hargu mit-*toilets*, instablu xi pakkett bi tracci ta' sustanza bajda suspettata kokaina. Huwa prezenta stqarrija rilaxxjata mill-imputat, kif ukoll id-droga elevata u karta ta' €10 li skond l-istess xhud, kienet giet uzatha sabiex minnha tingibed il-kokaina. In kontro-ezami, huwa kkonferma li gew elevati zewg boroz b'sustanza fihom u mhux wahda u li wahda kienet ta' Richard Ghirxi, fil-waqt illi l-ohra kienet tal-imputat. Ix-xhud qal ukoll illi skond it-*tag* miktuba minn PC 364 li eleva s-sustanza u li kienet annessa mal-esebit, jirrizulta illi s-sustanza nstabet gol-but tal-qalziet, flimkien mal-karta ta' €10. Qal ukoll is-sustanza misjuba kienet f'ammont zghir. In kontro-ezami qal ukoll illi l-imputat mill-ewwel ammetta li fuqu kellu s-sustanza misjuba.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 364 David Borg**[2], li qal illi fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Lulju 2009, kien qieghed xoghol waqt *party* gewwa l-MFCC f'Ta' Qali, u kif kienu qed jaghmlu xi tfittxijiet gewwa t-*toilets*, kienu hargu l-imputat u Richard Ghirxi minn gewwa l-istess *toilet.* Dawn kienu twaqqfu u xi hadd minnhom kellu xi pakkett b'xi trab abjad go fih, izda x-xhud ma setax jiftakar id-dettalji tal-kaz bl-ezatt. Qal illi huwa kien mar fuq l-imputat. Wara li ra t-*tag* mal-esebit, liema *tag* kitibha huwa stess, huwa qal illi fil-but tal-imputat, kien sab €10 imcappsa bi tracci ta' trab abjad. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi kemm l-imputat kif ukoll Ghirxi, hargu mill-istess *toilet*. Qal li jiftakar li kienu

[1] A fol. 8 sa 13 tal-process.
[2] A fol. 16 sa 20 tal-process.

elevaw xi droga minn fuq l-imputat, ossia xi pakkett bi trab abjad u karta tal-€10, ghalkemm ftakar dan ghax kien ra l-esebit, izda ma setax jiftakar id-dettalji.

Fl-istqarrija tieghu rilaxxjata minnu fis-26 ta' Lulju 2009[3], meta mistoqsi dwar il-fatt illi ftit tal-hin qabel, huwa gie mwaqqaf mill-pulizija waqt li kien gewwa *party* fl-MFCC u li waqt tfittxija, sabulu trab abjad suspettat kokaina, **l-imputat** wiegeb illi dakinhar iddecieda li jiltaqa' ma' shabu, iddecidew li jmorru Ta' Qali u kif dahlu, marru biex jiehdu *drink* u ddecidew sabiex jiehdu ftit. "*Bdejna nfittxu min seta' kellu u sibna wiehed u qdieni. Dak il-hin stess morna fit-toilet u hadna flimkien. Kif hrigna minn hemm, waqqfuna l-pulizija u gejna arrestati*".[4] Qal ukoll illi huwa kien hallas il-prezz ta' €60 ghall-pakkett u xtara d-droga minghand xi hadd li kien fl-istess *party* u mistoqsi jekk meta xtara d-droga, kienx wahdu, huwa wiegeb "*Jien u Richard konna hdejn xulxin pero` jien xtrajt*" u "*hadniha bejnietna dak il-hin stess*".[5]

L-imputat qal ukoll illi meta kien ghadu *teenager*, huwa kien abbuza minn *joint*, izda din kienet l-ewwel darba li rega' ha droga u din kienet l-ewwel darba li xtara, ftit minuti qabel ma nqabad. Qal illi huwa xtara dik id-droga bhala kokaina.

Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2011, id-difiza ddikjarat illi d-droga esebita fl-istess seduta kienet fil-fatt droga kokaina.

Fis-seduta tas-16 ta' April 2012, xehed **Richard Ghirxi**[6]. Huwa qal illi fil-lejl in kwistjoni, kienu telghu *party*, hadu *drink* mal-*bar*, hu mar idur u xtara l-kokaina minghand wiehed li kien fil-*party.* Qal li mbaghad "*ergajna morna mal-bar*

---

[3] A fol. 14 u 15 tal-process.
[4] A fol. 14 tal-process.
[5] A fol.15 tal-process.
[6] A fol. 25 sa 38 tal-process.

*ghal drink iehor u morna t-toilet biex niehdu l-kokaina*".[7] Fl-istess *toilet* dahlu hu u l-imputat. Qal illi huwa mar biex jixtri d-droga wahdu u xtara borza. Mistoqsi jekk hu kienx mal-imputat, fil-hin li l-imputat mar jixtri d-droga, ix-xhud wiegeb li t-tnejn marru ghal rashom. Mistoqsi allura kif kienu ftehmu biex imorru t-*toilet* flimkien biex jabbuzaw mid-droga la darba xtraw id-droga separatament, ix-xhud wiegeb illi t-tnejn riedu jmorru t-*toilet* u ghalhekk marru flimkien. Mistoqsi kienx jaf li l-imputat kellu d-droga fuqu dak il-hin, Ghirxi qal illi ma kinux tkellmu ezatt, izda marru t-*toilet* u x'hin kienu dehlin, qalu lil xulxin. Mistoqsi x'qalu lil xulxin, qal li huwa qal lill-imputat li kien diehel fit-*toilet*, izda peress illi kien hemm hafna nies, l-imputat qallu li kien ser jidhol mieghu. Qal illi d-droga li abbuza minnha hu, kienet tieghu u li l-imputat ukoll abbuza mid-droga, izda l-istess imputat kellu d-droga tieghu u ha minn tieghu. Hu ma tax droga minn tieghu lill-imputat. Sussegwentement waqqfuhom il-pulizija, fittxewlhom u fuqu sabu l-borza tieghu. Fittxew ukoll fuq il-persuna tal-imputat. In kontro-ezami, Ghirxi rega' qal illi huwa mar jixtri l-kokaina tieghu, fil-waqt illi l-imputat xtara l-kokaina ghalih u fl-ebda hin, l-imputat ma tah mill-kokaina tieghu. Fit-*toilet* imbaghad, huma abbuzaw mis-sustanza rispettiva taghhom. Huwa qal illi l-borza tieghu kien fiha inqas, ghaliex meta ha minnha, waqghetlu mal-art u kien fadallu ftit zghira fiha.

In ri-ezami, saritlu referenza ghal dak li kien qal fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Ufficjal Investigatur, fis-sens illi huwa kien qal illi kif dahlu l-*party* huma marru jiehdu *drink*, staqsew diversi nies jekk kellhomx droga, sabu wiehed li kellu u kif qdihom, marru fit-*toilet* u haduha dak il-hin stess. Gie mistoqsi ghalhekk liema kienet il-verzjoni l-korretta u cioe` dak li kien qal fl-istqarrija jew dak li kien qal qabel fis-sens illi d-droga xtrawha separatament, u huwa wiegeb illi huma xtraw id-droga separatament minghand l-istess persuna u illi l-imputat rah jixtri d-droga u xtara warajh. Qal li kien wahdu fil-hin li xtara d-droga. Saritlu wkoll referenza ghall-fatt illi fl-istqarrija, meta gie mistoqsi kienx wahdu meta xtara d-droga, huwa wiegeb li kienu hu u l-imputat, li kienu flimkien, xtraw id-droga flimkien u haduha flimkien. Dwar dan ix-xhud qal illi kienu flimkien fl-istess *party*, imma ma xtrawx id-droga flimkien. Fl-istqarrija kien qal ukoll illi d-droga kienu haduha bejniethom dak il-hin stess u mistoqsi allura ghalfejn issa kien

[7] A fol. 26 tal-process.

qed jghid illi huwa kkonsma d-droga mill-borza tieghu, fil-waqt li l-imputat ha d-droga minn borza ohra, huwa qal illi meta qal li kienu flimkien, huwa ried jinsinwa illi kienu fl-istess post u li ma kienx il-kaz li l-imputat kien mal-bar u huwa kien fit-*toilet*, izda kienu flimkien. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex la darba kienu flimkien, x'kienet ir-raguni li ma xtrawx id-droga flimkien, huwa qal illi nfirdu, minghajr ma ta raguni ghaliex, u qal illi peress illi fit-*toilet* kien hemm hafna nies, dahlu flimkien. Qal illi huwa kien qed ifittex id-droga u l-imputat kien qed ifittex ukoll fl-istess *party* u li t-tnejn xtraw id-droga ghalihom separatament, tant li l-imputat kellu borza u huwa wkoll kellu borza u li meta kienu qed ifittxu, huwa ma kienx qal lill-imputat li kien qed ifittex id-droga. Qal li lill-imputat ma qallux li kien ser ifittex id-droga, izda x'hin sab u mar lura hdejn l-imputat, qallu b'dan.

**L-imputat** xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013. Qal li jiftakar li Richard Ghirxi u hu dahlu fil-*party* u xtraw wahda kokaina u li mbaghad ried jixtri hu u li sussegwentement dahlu fit-toilet. Richard Ghirxi ha minn tieghu u hu, cioe` l-imputat, ha minn tieghu. Qal illi Ghirxi u hu xtraw il-kokaina separatament u mbaghad imxew lejn it-*toilet* flimkien u dahlu fit-*toilet* flimkien, fejn Ghirxi ha mill-kokaina tieghu u l-imputat ha minn tieghu stess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jirrizulta car mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, illi waqt it-tfittxija li saret mill-pulizija fuq il-persuni tal-imputat u ta' Richard Ghirxi, gew elevati zewg boroz b'sustanza suspettuza – wahda tal-imputat u l-ohra ta' Ghirxi u illi wahda minnhom kienet fil-pussess tal-imputat. Dan jikkorrobora wkoll dak li qal Ghirxi fix-xhieda tieghu, fis-sens illi l-imputat u hu kellhom borza kull wiehed.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi kif waslu l-*party*, hadu *drink* u ddecidew li jiehdu d-droga. Bdew ifittxu min seta' kellu u sabu wiehed u qdieh. Dak il-hin

stess marru fit-*toilet* u hadu flimkien. Richard u hu kienu hdejn xulxin meta hu xtara d-droga, izda kien hu li xtara u hadu d-droga bejniethom dak il-hin stess. Jghid ukoll meta mistoqsi dwar kemm kien hallas ghaliha d-droga li kien xtara, illi huwa hallas Eur 60 ghal pakkett. Ghalhekk ghalkemm instabu zewg boroz bid-droga fil-pussess tal-imputat u siehbu, la darba l-imputat jghid illi huwa hallas <u>Eur 60 ghal pakkett</u>, il-Qorti tista' tasal biss ghall-konvinciment morali illi l-imputat xtara pakkett wiehed tal-kokaina u mhux iz-zewg pakketti li nstabu fil-pussess tieghu u ta' Ghirxi. Veru li l-imputat jghid illi meta huwa xtara d-droga, Richard u hu kienu hdejn xulxin, izda kien hu li xtara. Madankollu, il-Qorti tista' tasal biex tikkonkludi biss illi hawnhekk l-imputat kien qed jirreferi ghall-pakkett wiehed li xtara hu. U la darba fil-fatt instabu zewg pakketti, dan ifisser illi l-imputat xtara d-droga ghalih, fil-waqt illi Ghirxi wkoll akkwista d-droga.

Dwar ix-xhieda ta' Ghirxi, imbaghad, u dwar il-mod u l-manjiera li biha nxtrat id-droga kokaina misjuba fil-pussess tieghu u tal-imputat, il-Qorti ma thossx li tista' taghti wisq affidament lil din ix-xhieda. L-imputat jghid car fl-istqarrija tieghu, illi waqt illi huwa kien qed jixtri d-droga, Ghirxi u hu kienu hdejn xulxin. Da parti tieghu, Ghirxi jinsisti illi d-droga nxtrat mit-tnejn li huma separatament, izda apparti li fl-istqarrija rilaxxjata minnu originarjament huwa kien ta verzjoni differenti, ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fiha diversi inkonsistenzi.

L-ewwel jghid li kienu qed jiehdu *drink* mal-*bar* u hu wahdu mar idur sabiex isib il-kokaina u xtara l-kokaina ghalih, izda fis-sentenza ta' wara jghid "*ergajna morna mal-bar*" fil-plural u li marru t-*toilet* flimkien biex jiehdu l-kokaina. Izjed tard jghid illi huwa mar jixtri d-droga minghajr ma qal lill-imputat, fis-sens illi meta huwa mar ifittex id-droga, huwa ma qalx lill-imputat x'kien ser jaghmel u qallu biss meta mar lura hdejh, izda f'hin iehor jghid illi kemm hu, kif ukoll l-imputat marru jfittxu ghal rashom u li nfirdu meta ghamlu dan. F'hin minnhom, jghid ukoll illi hu mar jixtri ghalih u li l-imputat ukoll mar jixtri ghalih minghand l-istess persuna, ghaliex kien ra lilu u mar jixtri warajh. Jghid ukoll meta gie mistoqsi jekk fil-hin li marru t-*toilet* flimkien, kienx jaf li l-imputat kellu

d-droga fuqu, li ma tkellmux ezatt u li qalu lil xulxin x'hin dahlu fit-*toilet*. Mela l-ewwel ix-xhud jaghti l-impressjoni li ma kienx jaf ezattament jekk l-imputat kellux id-droga fuqu fil-waqt li kienu sejrin it-*toilet* u li tkellmu dwar dan x'hin kienu dehlin, imbaghad izjed tard jghid illi l-imputat xtara d-droga minghand l-istess persuna li kien xtara minghandha hu, ghaliex l-imputat kien rah jixtri minghand l-istess persuna! Jghid li hu ma qalx lill-imputat l-intenzjonijiet tieghu x'kienu meta mar jixtri u li qallu b'dan biss meta wasal mal-*bar*, izda jghid ukoll illi l-imputat rah jixtri u ghamel bhalu u wkoll illi donnhom ma kinux jafu li t-tnejn kellhom id-droga kif kienu mexjin lejn it-*toilet*, izda tkellmu dwar dan biss meta kienu dehlin, meta suppost skond hu, kien jaf li l-imputat kien xtara l-kokaina minghand l-istess persuna li xtara minghandha qabel hu stess.

L-imputat inniffsu imbaghad, fix-xhieda tieghu, lanqas ma jikkorrobora din il-verzjoni tax-xhud bis-shih, izda jghid li Richard u hu dahlu l-*party* u <u>xtraw</u> wahda b'referenza ghall-kokaina, li jimplika ghalhekk li dak il-hin kienu flimkien, u li mbaghad ried jixtri hu u li huma xtraw id-droga taghhom separatament.

Dak li l-Qorti tista' tikkonkludi minn dan kollu, huwa li fil-mument li l-imputat xtara d-droga – u cioe` pakkett - huwa kien fil-kumpanija ta' Ghirxi, kif qal b'mod car fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Meta u kif inxtara l-pakkett l-iehor, il-Qorti ma tistax tasal ghalih b'certezza mill-provi prodotti, ghalkemm jista' jkun li kif qal l-imputat, dan inxtara qabel ma huwa akkwista d-droga mixtrija minnu.

Jibqa' biss il-kwistjoni dwar jekk dan kienx kaz ta' pussess semplici, kif issostni d-difiza, jew kaz ta' *trafficking by sharing,* kif issostni l-prosekuzzjoni. Kemm l-imputat, kif ukoll ix-xhud Ghirxi jghidu illi meta huma dahlu fit-*toilet* sabiex jabbuzaw mid-droga, huma abbuzaw mill-borza rispettiva taghhom. Dwar ix-xhieda ta' Ghirxi, il-Qorti diga` esprimiet ruhha fis-sens illi ma tqisx lix-xhud bhala wiehed affidabbli a bazi tad-diversi inkonsistenzi fix-xhieda tieghu. In oltre, ghalkemm l-imputat fix-xhieda tieghu jghid illi huwa abbuza mid-droga tieghu, fil-waqt illi Ghirxi abbuza minn pakkett iehor u ghalhekk it-tnejn

abbuzaw mid-droga separatament, fl-istqarrija tieghu *a tempo vergine* meta huwa gie mistoqsi jekk mid-droga li huwa xtara, huwa kienx ta minnha lil xi hadd, huwa wiegeb b'mod car "*hadnieha bejnietna dak il-hin stess*" b'referenza ghalhekk ghall-istess droga li huwa kien xtara. Il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-verzjoni moghtija mill-imputat *a tempo vergine* hija l-verzjoni veritiera u ghaldaqstant, jirrizulta car, fil-fehma tal-Qorti, illi dan kien kaz ta' traffikar *by sharing* ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif interpretat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-5 ta' Mejju 2008, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi, izda dan fit-termini spjegati fil-paragrafu ta' qabel dan, b'dan ukoll illi qed issib htija biss fir-rigward tal-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Lulju 2009 u mhux fir-rigward tal-ahhar jiem ta' qabel din id-data, stante illi ma tirrizulta l-ebda prova in konnessjoni ma' dan.

**Konsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat kkopera mal-ewwel mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu. Qieset ukoll illi l-ammont ta' droga involut kien wiehed minimu, kif xehed l-Ispettur Jesmond J. Borg[8], kif ukoll illi l-imputat kellu fedina penali netta meta gew imwettqa r-reati in ezami. Il-Qorti kkunsidrat illi jidher illi din kienet l-ewwel darba li l-imputat akkwista u abbuza mid-droga kokaina, kif ukoll illi ghandha tapplika fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fis-sens illi r-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni

[8] A fol. 12 tal-process.

serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (limitatament ghall-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Lulju 2009 u mhux fir-rigward tal-ahhar jiem ta' qabel din id-data), izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati, fi kliem semplici, bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata, kif ukoll illi l-beneficcju ikkontemplat fil-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa tali li jista' jibbenefika minnu darba biss.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument JB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------